MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Numru 558/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**MARIUS PISANI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIUS PISANI** ta’ hamsa w erbghin sena bin Joseph u Mary nee Portelli, imwieled Hal Qormi nhar s-sebgha ta’ Novembru 1960, residenti 19, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk u detentur ta' karta tal-identita numru 759060M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-erbgha ta’ April 2006, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda f’diversi postijiet:

1. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal

hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe madwar sebgha mitt optical diskettes konsistenti f'DVD's, PC games u applications software;

2. Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew ghal skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija,barra li tinfliggi l-piena skond l-ligi, tordna wkoll l-konfisa tal-oggetti esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti nkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-erbgha ta' April 2006 esibita fl-atti u l-kwerela ta' Dottor Patrick Galea esibita fl-atti wkoll.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta’ Gunju 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat m’ghandu ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat daqs li kieku huwa *a first time offender*.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2006.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-ewwel opportunita moghtija lilu u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz u dan sa mill-bidu nett li rrilaxxja l-istqarrija tieghu;

3. Il-fatt li l-istess imputat ghen lil prosekuzzjoni biex tasal biex tiehu passi kontra terzi persuni w

4. il-fedina penali netta tal-istess imputat.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 298(1) u 298 (1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li qed ssib lill-imputat MARIUS PISANI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq**

**ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitejn u hamsin [250] lira maltin, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax [15] ta' Lulju 2006.**

**Fin-nuqqas li l-imputat ihallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta u dan b'mod awtomatiku.**

**Tordna lill-Ispettur Angelo Gafa jaghmel d-distruzzjoni tad-diskettes u hard discs esibiti formalment fl-atti minnu stess.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------